MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 1340/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Joseph Zammit ta' 45 sena, bin Anthony u Carmela nee' Bezzina, imwieled Attard fid-29 ta' Jannar 1964 u residenti fi 17, Triq Ponsomby, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 124064(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Mejju 2007 u fix-xhur u s-snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li

kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ta xhieda falza f'materja civili ;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel affidavit falz, kemm jekk f'Malta jew barra minn Malta, waqt li kien jaf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghal proceduri civili f'Malta ;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Dicembru 2009 (esebit *a folio 5* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Frar 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat :

Illi l-kaz odjern jirrigwarda allegat spergur u ghoti ta' xhieda falza kemm permezz ta' affidavit kif ukoll f'xhieda moghtija quddiem il-Qorti tal-familja u l-Prim Awla tal-Qorti Civili u quddiem Assistent Gudizzjarju fi proceduri ta' separazzjoni personali u annulament fejn il-partijiet involuti kienu l-imputat u martu Bernardette Zammit nee' Saliba. Ir-reati addebitati lill-imputat fil-kawza odjerna

huma dak ta’ spergur kontemplat fl-Artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u r-reat ta’ tehid ta’ gurament falz kontemplat fl-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti sejjer l-ewwel tghaddi sabiex taghmel esposizzjoni legali ta’ dawn ir-reati u mbaghad tipprocedi sabiex tara jekk il-fatti ta’ dan il-kaz jinkwadrawx ruhhom f’dawn ir-reati u jekk mill-provi voluminuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jistghax jitqies li jissussistu l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

L-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar ir-reat hekk imsejjah ‘‘judicial jew legal perjury’. Dan ir-reat jipotizza t-tehid ta’ gurament falz fil-kors ta’ kawza pendenti quddiem Qorti. L-Artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi l-elementi li jsawru r-reat ta’ l-ispergur huma identitci ghaz-zewg istanzi. X’inhuma ghalhekk l-elementi legali li huma necessarji sabiex tista’ tinstab htija ghal dan ir-reat ?

**L-artikolu 106 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta’ spergur fi proceduri civili u cioe’ l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidacit falz. Dan ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe’ sa mit-30 ta’ Jannar 1854. Sussegwentement saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinziz tleita in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura ta’ l-affidavit li issa saret parti mil-ligi procedurali taghna.

Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu « Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze » (1972) fisser ir-ratio ta’ dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispejga : « Siccome l’oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimone la conosce, ed il diritto che ha la gisutizia di saperla da lui, l’intenzione criminosa,

esiste apputno perche’ contravviene scientemente a quest’obbligazione che ha di dire il- vero. »

Fil-fatt dan ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista’ jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta’ fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dan ir-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba’ elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta’ dana r-reat tal-judicial perjury cioe’ :

« (i) a testimony given in a cause.
(ii) on oath lawfully administered by the competent authority.
(iii) Flasity of such testimony in a material particular.
(iv) willifulnes of such falsity or criminal intent. »

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x’jinghad. Dan johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dan r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta’ dan r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f’kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dan fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dan ghalhekk jinkludi kull tip ta’ stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward ta’ fatti esposti. Il-Mamo ighid « It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision ». It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe’ x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti. Ghaldaqstant, kif ighidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista’ tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe’ l’affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza. »

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti lli jistghu jwasslu ghal kundanna, Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud. Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tikun tirreferi ghall-**fatt materjali u determinanti ghal esitu tal-kawza.** Il-Mamo ighid : « In all cases in order taht the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity

be material to the casue …the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If, therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist. » Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : Perche' sussista la falsa testimonianza…e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute **siano pertinenti alla cause e influenti sulla decisione di questa.** » (sottolinjar tal-Qorti).

L-istess ighid l-Antolisei : « Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e' stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sula decisione giudiziaria sia requisito implicito delle del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettuivita giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita 'che concemano circostanze estranee alla cause (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppura insignifiacanti, ma nache tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cuie si riferiscono **non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria.** » (sottolijar tal-Qorti).

**Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista 'tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur**. Ikompli il-Mamo: "All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court. Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni

kriminuza jew l'hekk imsejha mens rea tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: "The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime…Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."

L-istess ighid l-Antolisei: "Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacerre, in tutto o in parte cio' che sia. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica" Il-Maino ukoll isostni: "L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e **la coscienza di mentire** o **di nascondere la verita**…Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e 'apprezzamento di medesto dolo dipende dalle circostanze."

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dan ir-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa din l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' thija ghal dan id-delitt.[1]

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar 'il fuq il-provi migjuba mill-partijiet f'dan il-kaz huma voluminuzi immens u nvolvew ammont konsiderevoli ta' hin sabiex jigu ezaminati kollha bir-reqqa dovuta sabiex il-Qorti setghat tghaddi ghall-gudizzju finali. Mill-provi u min-Nota ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jista' jigi sintetizzat li l-

[1] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (EG) 28-10-10 Pul Vs Christopher Said

Prosekuzzjoni qed tallega li kien hemm spergur u ghoti ta' xhieda falza mill-imputat rigward is-segwenti fatti:

1. jekk l-akkuzat kienx jaf jew le li Dr. Peter Muscat kienx psikjatra qabel ma gew intavolati l-proceduri;
2. jekk u meta l-akkuzat sar jaf bil-kondizzjoni medika ta' martu Bernardette Zammit;
3. li t-tifel minuri ta' l-akkuzat u martu kienx ikun zdingat u mahmug;
4. jekk l-akkuzat kienx isawwat lil martu;
5. Jekk l-akkuzat keinx jabbuza mit-tifel minuri tal-partijiet;
6. jekk sarx kollox indaqs meta saru l-bookings u l-hlasijiet tal-preparamenti tat-tieg;
7. Dwar il-provenjenza ta' cheque ammontanti ghal sebgha mija u tmenin lira Sterlina (STG 780)

**Jekk l-akkuzat kienx jaf jew le li Dr. Peter Muscat kienx psikjatra qabel ma gew intavolati l-proceduri**:

Is-segwenti huma uhud mis-siltiet li jirizultaw mix-xhieda in kwantu jirrigwarda dan il-punt.

*Nghid li l-imputat kien jaf li Dr. Peter Muscat kien psikjatra ghaleix kellu card ta' l-istess li kien tahielu quddiemi stess, meta konna morna biex niehdu c-certifikat li kont tajba ghaz-zwieg*[2]*.*

*B'referenza ghal Dr. Peter Muscat l-imputat jghid Qatt ma kont smajt bih u lanqas biss qatt ma kont mort ghand psikjatra ……Nibqa ninsisti li dawn ic-certifikati qatt ma rajthom.*[3]

*L-imputat jghid mhux kontradett illi mar darba qabel iz-zwieg ghand Dr. Peter Muscat <u>'imma kien ippreparat.. ghax bhal ma ghedt kellu envelope u tahula</u> u lili qalli 'u le ma ghandha xejn, ma ghandha xejn*[4]*.*

---

[2] Xhieda Bernardette Zammit Seduta 18-06-10
[3] Imputat in kontro-ezami Seduta 06-06-2011
[4] Imputat in kontro-ezami Seduta 06-06-2011

*Qatt ma taghna biljett Peter Muscat la qabel iz-zwieg u lanqas waqt iz-zwieg. Qieghed mahluf hawn, qatt ma taghni biljett.*[5]

Illi l-Qorti jidrilha li ma giex provat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien jaf li Dr. Muscat kien psikjatra. Dan qed jinghad nonostante illi l-Imhallef fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kellu opinjoni diversa. Izda mill-komportament tax-xhud, fatturi li x'aktarx ma kienux exposit ghall-Onorevoli Imhallef, bhall fatt li rrizulta li d-dokumentazzjoni kienet il-hin kollu f'idejn il-mara ta' l-imputat u l-fatt li meta l-imputat u martu marru ghand Dr. Muscat huwa evidenti mid-deposizzjoni moghtija li kellu pre-avviz peress illi kellu kollox lest go envelope, sempliciment ikkonsenjah. Jidher ulterjorment li pprova jitkellem mill-inqas. Il-partijiet ddeponew pjuttost fit-tul dwar dan il-fattur u kien ikun aktar interessanti u desiderabbli ghal min ser jiggudika li kieku l-Prosekuzzjoni avvanzat bhala xhud l-istess Dr. Muscat sabiex jigi verifikat l-andament tal-visti u min kien jattendi ghal tali visti. Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti thoss illi l-verzjoni ta' l-imputat ghandha aktar mis-sewwa u aktar minn hekk b'referenza ghal dak li ghadu kif fuq inghad, il-grad ta' prova fil-kamp penali hija hafna oghla minn dik fil-kamp civili apparti li l-opinjoni tal-Gudikant fil-kawza civili hija msejsa fuq kumpless ta' prpvi ghall kollox divers minn dawk prodotti fil-kawza odjerna.

**Jekk u meta l-akkuzat sar jaf bil-kondizzjoni medika ta' martu Bernardette Zammit;**

Is-segwenti huma uhud mis-siltiet li jirizultaw mix-xhieda in kwantu jirrigwarda dan il-punt.

*Nghid li Joseph Zammit qabel iz-zwieg ghedtlu li kienet l-isptar, li kienet sedated ghal xahrejn, ghedtlu li sabu li kellha pressure ta' ilma fuq il-brain li kien ikkawzat minn valve li knne instadd meta waqghet meta kienet zghira li sussegwentement sabu x' kellha u ghamlulha shunt –*

[5] Imputat in kontro-ezami Seduta 06-06-2011

*ossija tube mir-ras ghall-istonku taht il-gilda. Wara sentejn kienu nehhewulha ghax sabu li ma hemmx bzonnu aktar.*

*Nghid lil ghedtlu li dan l-intervent sar minn Dr. Richardson gewwa Atkinson Worley Hospital.*

*Ghedtlu ukoll li at age eighteen (18) kien taha fit u li kienet thawdet ftit u li kellna nergghu nitilghu l-Ingilterra.*

*Nghid li meta ghedt dan id-diskors lill-imputat dan ma tniffisx u ma staqsa xejn. Nghid li meta ghedtlu dan id-diskors kienet presenti l-maria tieghi Bridgette u t-tifla Bernardette.*

*Nghid li dan ghedtulu diversi drabi u qatt ma staqsa xejn*[6]*.*

*Nghid li l-imputat ma kellux certifikati medici tieghu f'idejh meta ghedt li rajthom hergin mid-dar biex imorru l-Kurja. Kellu l-formola taz-zwieg u notament ta' l-Arcipriet.*

*Nghid li Bernardette rajtha hierga b'certifikat mediku ta' Dr. Peter Muscat.*[7]

*Nghid li omm u missier l-imputat ghednilhom li kienet waqghet meta kienet zghira u li kien sar ix-shunt. Nghid li l-genituri ta' l-imputat ma staqsew xejn. Qaluli basta fieqet, u hija tajba. Ghedtilhom il-prodott qieghed hawn u araw intkom.*[8]

*Nghid li fl-ewwel Milied li kienu gharajjes – xi erbgha (4) snin qabel ma zzewgu, l-imputat gie d-dar, u jiena kont prezenti meta r-ragel beda jispjegalu l-incidenti li kellha meta kienet zghira, cioe, li waqghet u habtet rasha u sifirniha, spjegalu li kienu ghamlulha 'shunt' – cioe drain f'mohha. Ir-ragel qallu li meta kellha ghaxar (10) snin, ergajna hadniha l-Ingilterra u nehhewlha dan ix-shunt.*

*Meta sar dan id-diskors kont presenti, jiena, ommi l-imputat u r-ragel.*

---

[6] Xhieda Edwin Saliba Seduta 30-09-10
[7] Edwin Saliba in kontro-ezami 30-09-10
[8] Edwin Saliba in kontro-ezami Seduta 30-0910

*Nghid li meta nghad dan id-diskors Joseph Zammit (l-imputat) ma kkummenta xejn.*

*Meta morna – jiena u r-ragel ghand il-genituri ta' l-imputat ftit wara x- xi xahar wara, dana d-diskors rega' gie ripetut lill-genituri ta' l-imputat - It-tnejn kienu prezenti – Nghid li f'din l-istanza kemm l-imputat kif ukoll Bernardette Zammit kienu prezenti.*

*Nghid li l-iktar li tkellmet kienet ommu, u staqsiet kif inhi issa u jekk kinitx tajba. Niftakar li r-ragel qallha 'Tistghu taraw b'ghajnejkom ghaliex il-prodott qieghed hawn – li tajba'*[9]

*Nghid li jiena ma ghedtx lill-imputat ir-raguni ghaliex Bernardette kienet l-Isptar.*[10]

*Nghid li ahna lill-imputat* ***nassumi*** *li ghednilu li l-medikazzjoni kienet kontra l-fits.*

***Nassumi*** *li ghedt lill-imputat li Bernardette kienet tmur ghand Dr. Peter Muscat u dan li kienet tmur qabel l-eghrusija.*[11]

*Nghid li ma kontx naf li hu psikjatra. Kien minghalija li hu tabib normali. Ahna morna fil-clinic tas-Sliema imma ma rajtx tabelli ta' psikjatra.*

*Nghid li jien lil Dr. Muscat ma staqsejtu xejn. Nghid li Bernardette ghamlet l-arrangament biex immorru ghand Dr. Peter Muscat. Hi qaltli li sejrin ghand it-tabib. Nghid li kien minghalija sejrin biex jezaminaha dwar il-waqgha. Sirt naf dwar il-kondizzjoni mentali li kellha, sirt naf mill-proceduri.*[12]

*Nghid li ftit qabel ma telqet Bernardette mid-dar kienet cemplitli ommha u qaltli li huma kienu qaluli li Bernardette*

---

[9] Xhieda Brigiette Saliba 21-10-10
[10] Brigette Saliba in kontro-ezami Seduta 15-04-2011
[11] Brigette Saliba in kontro-ezami Seduta 15-04-2011
[12] Xhieda Imputat Seduta 01-06-2011

*marida mentalment. Jiena wegibt li dan assulutament ma huwiex minnu – kienu qaluli biss li waqghet meta keient zghira. Ghedtilha li mhux veru u li hbejtulu u hbejtulna, ghax kieku qalili kont nghid lil Joseph – Omm Bernardette ma kellmitnix u qatghet it-telephone.*

*Nghid li meta l-genituri ta' Bernardette gew id-dar – l-ewwel darba li gew id-dar qabel ma zzewgu konna qed nitkellmu fuq it-tfal u qaluli bl-incident fejn kienet waqghet u jien ma staqsejtiex. Ma qalulix li saru interventi jew li haduha ghal xi kura – ma ssemmiex mard.*

*Nghid li l-kelma 'shunt' qatt ma smajtha.*

*Nghid li sirt naf l-ewwel darba meta darba t-tifel taghhom kellu sentejn, hallew it-tifel ghandi biex marru ghand Dr. Peter Muscat u meta gew lura, Bernardette qaltli kemm hadha bi kbira Joseph. Staqsejta u qaltli li Peter Muscat qallha li tbati b'mard mentali. Jien mill-ewwel ghedtilha li dan qatt ma konna smajnieh qabel.*[13]

*Nghid li din tal-waqgha hsibtha incident normali peress li ma kienux issemmew tobba, sptarijiet u kura.*[14]

*Nghid li l-ewwel darba li sirt naf li Bernardette ghandha xi mard mentali kien minghand Joseph li qalli li kien ghadu kif sar jaf u dan kien ftit qabel Bernardette telqet mid-dar matrimonjali*[15]*.*

*Nichad li l-genituri ta' Bernardette anzi bl-qawwa kollha nichad li qatt qalulu li marret l-Ingilterra ghal xi kura*[16]*.*

*'Lanqas fits ma semmewli xejn. Meta zzewigna rajtilha zewg marki hawn hekk taht sidirlha u ghedtilha dawk x'inhuma u ma spjegatlix x'inhuma. Imbaghad kont ghidt lill-ommha u ommha kienet qaltli wara li* *<u>nsistjet qaltli li</u>*

[13] Xhieda Carmen Zammit Seduta 12-09-2011
[14] Xhieda Victoria Bugeja 17-10-2011
[15] Xhieda Victoria Bugeja 17-10-2011
[16] Carmen Zammit in kontro-ezami Seduta 21-11-2011

*kienu ghamlulha pipe minn rasha sa l-istonku, imma ma spjegatlix aktar.*[17]

*Il-genituri ta' Bernardette lanqas qatt ma qaluli b'xi kundizzjoni medika taghha. Hadd qatt ma qalli li Bernardette ghadha tiehu xi kura. Qatt ma qaluli lanqas li qed tiehu kura ghaliex ituha l-epileptic fits*[18]*.*

*Sirt naf minghand ta' Cana li dan huwa tabib tal-mohh. Ma ndunajtx li l-vista li ghamel Dr. Muscat hija differenti minn ta' tabib GP*[19]*.*

*Nghid li sirt naf bil-kondizzjoni preciza fil-proceduri ta' l-annulament u tas-separazzjoni. Dan ghaliex tela' jixhed Dr. Peter Muscat u elabora. Fil-kawza konna tellajna t-Tabib Principali tal-Gvern li esebixxa l-file mediku ta' Bernardette*[20]*.*

Illi hawn ukoll jirrizulta mill-mod ta' kif il-missier jiddeskrivi lill-bintu, 'il prodott hawn qieghed tistghu tarawh' qisu ghandu xi figurin ghall-esposizzjoni li hu stess ma jammettix u ma jaccettax li bintu ghanha/kellha xi forma ta' problema medika. Dan qed jara lil bintu bhala l-isbah, l-aqwa u l-ahjar kreatura f'wicc id-dinja u ma jaccettax li terzi li ghazlu jibnu familja ma din bintu ghandhom ikunu jafu il-passat mediku li jista jaffettwa l-pjanata familja. Kliem uzat minn omm il-mara ta' l-imputat fid-deposizzjoni taghha, bhal nassumi uzata ripetutament meta mistoqsija x'gie spjegat u fatturi ohra li juru li certa problema bhal meta allegatament ttiehdu kwantita' ta' pinnoli, jew kienet rikoverata l-isptar gew mistura lill-imputat u ghalhekk hemm dubbju serju kemm il-passat mediku gie spjegat u espost fl-intier tieghu lill-imputat. Ghalhekk lanqas f'dan il-kuntest ma gie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed jigdeb meta qal li ma' kienx jaf l-istampa kollha tal-kondizzjonijiet precedenti medici ta' l-gharusa li kien ser jizzewweg. Jirrizulta anzi li kienu tarrfulu l-minimu

[17] Xhieda imputat Seduta 06-06-2011
[18] Xhieda Imputat Seduta 01-06-2011
[19] Xhieda Imputat Seduta 01-06-2011
[20] Xhieda Imputat Seduta 01-06-2011

possibbli x'aktarx biex ma' jallarmawhx u fl-ansjeta' li binthom ma' tibqax f'Malti komuni 'fuq l-ixkaffa'. Dan qed jinghad ghaliex ma' jaghmilx sens logiku li genituri ta' tfajla li tkun ser tizzewweg jghid lir-ragel prospettiv u lill-genituri tieghu li din kellha pipe minn rasha sa l-istonku, kienu jtuha l-fits, kienet tiehu l-kura ghall-fits, siefruha l-Ingilterra ghall-kura u l-istess jibqghu placidi u bla ebda reazzjoni u ma jipprovawx jiksbu parir espert. Dan jirrizulta mhux kontradett mix-xhieda ta' l-imputat, ommu u ohtu. Il-genituri tal-mara ta' l-imputat ukoll jikkonfermaw li ma kien hemm l-ebda reazzjoni da parti ta' l-imputat jew il-genituri tieghu meta allegatament gew lilhom spjegati t-trattamenti medici li binthom kienet ghaddiet minnhom.

**Li t-tifel minuri ta' l-akkuzat u martu kien ikun zdingat u mahmug;**

Illi l-Qorti thoss li m'ghandhiex toqghod tiddelunga fuq dan il-fattur, stante illi tifsira li tinghata lill-kliem "zdingat" u mahmug huma soggettivi ghall-ahhar. Per ezempju huma diversi l-aspettazzjonijiet sabiex wiehed iqis persuna bhala zdingata u mahmuga ghal xi hadd li trabba f'dixxiplina militari, ghal xi hadd li ghamel ghomru disokkupat jghix bl-akkarija. Ghalhekk ma jistax jitqies li gie pprovat li kien hemm xi gibda koncernanti dan il-fattur.

**Jekk l-akkuzat kienx isawwat lil martu;**

Is-segwenti huma uhud mis-siltiet li jirizultaw mix-xhieda in kwantu jirrigwarda dan il-punt.

*Darba meta t-tifel kellu xi tlett xhur kellna argument u l-imputat kien habbatli rasi mat-toilet u wara, ma niftakarx kemm kellu zmien it-tifel, wara visita ghand Dr. Muscat fir-residenza ta' omm l-imputat kien habbatli rasi mal-kolonna. Nahseb li rawh in-nies ghax kien hemm in-nies barra. Dana gara fil-parapett u kien hemm barra l-girien.*[21]

[21] Xhieda Bernardette Zammit Seduta 18-06-10

*Nikkonferma li koncernanti swat l-imputat qatt ma' saru proceduri penali fil-konfront tieghu.*[22]

*Nghid li quddiemi, qatt ma rajtu isawwat lit-tifla, darba smajt it-tifla tibki fuq it-telephone ghaliex qalet li kien ghadu kif sawwatha u tajtha parir biex tmur taghmel rapport lill-pulizija. Nghid li tbengil fuq it-tifla fuq ghajnejha u kuxxtejha rajt.*[23]

*Nghid li fil-parapett fid-dar tieghu qatt ma naf li saru ncidenti – dejjem kont nohrog nifthilhom.*

*Qed nigi riferuta ghar-rapport esebit – ghal Dok JB u cioe' r-rapport li Bernardetet giet msawta fil-parapett tieghi, nghid li assolutament dan mhux veru. Nghid li qatt ma tlajt nixhed il-Qorti dwar dan l-incident. Nghid li l-anqas il-pulizija ma' kellmuni fuq dan l-incident.*[24]

Illi koncernanti dan il-fattur, il-verzjonijiet moghtija huma konfliggenti ghall-ahhar u ghandu jinghad illi verament gie konstantement ritenut li mhux kull konflitt ta' provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni ta' l-akkuzat, imma mill-provi prodotti wiehed necessarjament jasal ghall-konkluzjoni li hemm dubbju ragjonevoli li sar xi swat u dan ghandu ghalhekk iwassal ghal-liberatorja.

**Jekk l-akkuzat kienx jabbuza mit-tifel minuri tal-partijiet**

Illi in kwantu jririgwarada din l-allegazzjoni ikun inutli li l-Qorti toqghod ticcita mid-deposizzjonijiet tax-xhieda meta gie esebit rapport tal-periti perizjuri fejn ikkonkludew bla esitazzjoni li ma keinx isir tali abbuz. Importanti illi wiehed jghid ukoll illi r-rizultat tat-testijiet ma wrewx sinjali illi t-tifel Edward kien qatt abbuzat sesswalment minn xi hadd. Minn dawk il-fatturi illi soltu jaghtu indikazzjonijiet li l-minuri ikun ghadda minn abbuz sesswali b'mod illi l-abbuz halla effetti negattivi fuqu ma kien hemm ebda wahda

[22] Kontro-Ezami Bernardette Zammit Seduta 18-06-10
[23] Xhieda Edwin Saliba 30-09-10
[24] Xhieda Carmen Zammit Seduta 12-09-2011

prezenti.[25]Anzi koncernanti dan il-fattur l-Qorti tirrileva li dan juri bic-car l-ispirtu tal-partijiet f'din il-kawza illi huwa arroganza u cahda assoluta tal-veritajiet kristalizzati quddiemhom. Illi huwa ikoncepibbli ghall-Qortii, illi sussegwenti ghal dan ir-rapport l-istess Bernardette Zammit tibqa' ssostni li ma' taqbilx mal-konkluzzjonijiet raggiunti mill-perit perizjuri[26] u aktar minn hekk isssostni li l-imputat gideb meta qal li ma abbuzax mit-tifel minuri taghhom.

**Jekk sarx kollox indaqs meta saru l-bookings u l-hlasijiet tal-preparamenti ghat-tieg;**

Iil-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm xi divergenzi fl-ammonti versati u/jew imhallsa, imma tenut kont tal-fatt illi l-prospetti prezentati fil-proceduri civili jidhlu f'dettal esagerat divergenza f'xi figura u korrezzjonijiet sussegwenti li saru fl-istess proceduri qabel ma giet erogata s-sentenza finali ma' jinkwadrawx fl-elementi kif fuq inghad tar-reati addebitati lill-imputat. Apparti minn dan jirrizulta mhux kontestat mix-xhieda ta' l-akkuzat illi l-prospetti kienu saru mill-memorja ghaliex martu kienet hadet l-ircevuti u ghaldaqstant kien impossibbli ghall-akkuzat illi jivverifika dak li qal fil-mument tal-prezentata ta' l-affidavit.

**Dwar il-provenjenza ta' Cheque ammontanti ghal sebgha mija u tmenin lira Sterlina (STG 780)**

Is-segwenti huma uhud mis-siltiet li jirizultaw mix-xhieda in kwantu jirrigwarda dan il-punt.

*Naqbel li l-kont indikat Dok CA2 huwa nvestiment li kellu l-imputat u kien miftuh qabel id-data taz-zwieg.*

*Nghid li meta rrispondejt kont qed nirreferi ghal Lulju u mhux Frar. Dan ghaliex kont qed nixhed mill-memorja.*

[25] Rapport tal-periti perizjuri Dott. Roberta Attard, Dott David Cassar u Dott Joseph Cassar 30-01-07
[26] Bernardette Zammit in kontro-ezami seduta 15-09-10

*Nghid li d-dokument TS 1 precizament dak li hemm fil-kaxxa n-naha ta' isfel huwa kollu falz u ma jaqbilx mad-dokument TS 1 ipprezentat fil-Qorti tal-Familja.*

*Il-kitba li hemm fil-kaxxa li pingejt bil-blu ma' hijiex kaligrafija tieghi. Il-kumplament tal-kitba fil-kaxxa hija tieghi.*

*Nerga' ntenni li l-kaligrafija fil-kaxxa mmarkata bil-blu ma hijiex il-kaligrafija tieghi.*

*Nerga' ntenni dan anke wara li gejt imwissi mill-perit legali bil-konsegwenzi ta' dak li qed nghid*[27]*.*
*……u f'din il-complimentary slip hemm miktub l-interessi ta' x'hiex inhuma dawn is-780. Hemm l-ewwel parti interest of Turkey u interest of Escom.*[28]

Illi in kwanut jirrigwarada dan il-fattur hawn in dizamina cioe' l-provenjenza ta' sebgha mija u tmenin liri Sterlini (STG 780), apparti l-fatt li hemm dubbju serju f'mohh il-Qorti kemm il-verzjoni moghtija mill-istess Edwin Saliba ghandha mis-sewwa, meta dan ix-xhud bl-arroganza kollha irid imeri dokument esebit in atti, u jghid li l-kaligrafija ma' hijiex kollha tieghu, meta jidher *ictu octuli* illi l-kaligrafija fuq id-dokument esebit hija kollha l-istess u di piu jekk ghas-sahha ta' l-argument wiehed ikollu jikkoncedi kif allegat li l-kaligrafija ma' hijiex tieghu, ikun hemm diskrepanza fl-addizzjoni. Aktar minn hekk, l-ammont irrizorju li fuqu ingabu volum ta' provi zgur ma kien ser ikollu l-ebda portata fuq il-gudizzju f'kawza ta' separazzjoni jew annullament u ghalhekk ma ghandux jitqies ghall-finijiet ta' l-akkuzi odjerni.

Kwantu ghall-akkuza taht l-artikolu 108, tal-Kap 9, dan jitkellem dwar wiehed '*li jahlef il-falz quddiem Magistrat, jew <u>quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament</u>…… Pero' dak li trid tipprova l-Prosekuzzjoni hu li min amministra l-gurament kellu s-setgha bil-ligi li jaghmel hekk…Fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni ta' xi ligi li*

[27] Edwin Saliba in kontro-ezami Seduta 24-03-2011
[28] Xhieda imputat Seduta 06-06-2011

*tipprovdi li persuna partikolari jew xi persuna li tokkupa xi kariga partikolari ghandha xi tali setgha, din is-setgha tinghata permezz ta' warrant mahrug taht artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarji b'Setgha li jaghtu l-gurament (Kap 79). Dan il-warrant ma jammontax ghall-ligi izda huwa biss fakulta' moghtija lill-persuna partikolari li tamministra l-gurament u ghalhekk trid issir il-prova ta' din il-fakolta' hekk moghtija. Fil-kaz in dizamina tali prova ma saritx, u konsegwentement anke jekk Zammit qal il-falz ma jistax jinghad li ha gurament falz*[29].

Finalment il-Qorti tirrileva illi dan il-kaz ma huwa xejn aktar minn pika zejda rizultanti minn dizgwid matrimonjali fejn il-partijiet xprunati bl-aktar mod assolut minn missier il-mara ta' l-imputat li ha rwol ta' *capo squadra*, li jrid jiddetta l-andament tal-gbir tal-provi, is-seduti u anke t-tmexxija tal-Prosekuzzjoni. Dan l-atteggjament hu kristalizzat fid-deposizzjoni ta' l-Arcipriet tal-Mosta meta jispjega l-uniku inkontru li kellu mal-genituri tal-mara ta' l-imputat:

*Ma niftakarx jekk urewnix xi dokumenti l-genituri ta' Bernardette meta gew ikellmuni. Nghid li din kienet laqgha dispreggjattiva. Kien atteggjament li ma bdewx jittrattawni ta' nies u spiccajt keccejthom il'barra*[30].

Il-Qorti thoss li dawn il-proceduri gew intavolati biss minhabba l-animosita' zejda da parti ta' Bernardette Zammit, jew forsi aktar u aktar il-gentiuri taghha, li sfortunatament nibtet mill-fatt li l-istess Edwin Saliba qed jipprova iqabbad difrejh ma' kull dettal sabiex jipprova jottjeni xi soprovvent fil-proceduri civili ghal bintu. Din minn naha taghha, mill-komportament u d-deposizzjoni tidher kwazi innokwa ghall-kumpless tal-proceduri kollha li tinsab fihom. Ikun precedent ikrah u perikoluz specjalemnt fil-kamp ta' proceduri intavolati fil-Qorti tal-Familja, jekk il-principji legali stabbiliti sabiex jirrizulta r-reat ta' spergur jigu anke remotament laxkati. Dan qed jinghad fis-sens illi fil-kaz odjern ma hu xejn aktar minn semplici kaz fejn zewg kontendenti f'kawza jaraw l-istess

[29] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) 24-06-98 Il-Pulizija Vs Vincent Grima et.
[30] Arcipriet tal-Mosta Monsinjur Joseph Carabott in Kontro-Ezami Seduta 17-06-2011

fattur minn lenti differenti jew genwinament jinsew u/jew ma’ jkollhomx access ghal dettalji precizi li jaghzlu li jiddeponu fuqhom bhal ma jkollha l-kontro-parti, fatturi li bosta drabi ikunu sehhew hafna snin qabel u ghaliex tali deposizzjoni tkun mankanti mill-precizjoni militari li tkun tippretendi l-kontro-parti jigu rinfaccjati b’akkuzi ta’ spergur. Irid jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi x-xhieda allegatament falza inghatat fuq **fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza intiza unikament sabiex tostor l-verita’ u tizgwida serjament lil min ikun ser jiggudika**. Il-Qorti hija tal-fehma li xejn minn dan ma rrizulta fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------